# Q O R T I   T A L -  A P P E L L   K R I M I N A L I

Inhallef

Onor. Dr. Joseph G. Galea Debono B.A. , LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS 14 TA' MARZU , 2002

Appell Numru : 111/93 JGD

IL-PULIZIJA

(Spettur Sharon Zammit .)

vs.

JOSEPH CORTIS .

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' Habel Bellu , limiti ta' Haz-Zebbug, ghamel jew gieghel jew halla li jsir xi haga li ghaliha huwa mehtieg permess skond l-artikolu 16 (1) tal-Ligijiet tal-Pulizija; bit-talba lil dik il-Qorti li tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' xi dritt li l-hati ghandu fi , jew fuq proprjeta' immobbli li dwarha sar ir-reat , skond is-sezzjoni 17A tal-Kap.10 tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Frar, 1993 , li sabet lill-imputat appellant hati skond l-akkuza ai termini tal-artikolu 16 u 17 tal-Kapitolu 10 , ikkundannatu ghal-piena ta' multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u ordnatlu sabiex fi zmien tlitt xhur (3) minn dak in-nhar iwaqqa l-imsemmija kostruzzjoni jew jottempera ruhu mall-ligi taht penali ta' multa  ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) kulljum fin-nuqqas , bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (8) (5)  u fejn il-Qorti iddecidiet li rigward it-talba ghall-konfiska , in vista tac-cirkostanzi , kellha tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur minn dak in-nhar .

Rat ir-rikors tal-appell  tal-appellant tat-8 ta' Marzu, 1993  li biha talab  li din il-Qorti  joghogobha tirrevoka is-sentenza appellata fuq imsemmija u tillibera lill-imputat minn kull akkuza .

Rat id-differimenti ripetuti li inghataw minn din il-Qorti diversament preseduta bl-isperenza  li forsi fil-frattemp l-appellant jirmexxilu  jirregolarizza il-pozizzjoni tieghu mall-ligi , haga li pero' sal-lum  aktar minn disa' snin wara li gie prezentat dan -appell , baqghet ma saritx.  Illi il-Qorti tal-Appell mhux il-"waiting room" tal-Planning Authority, fejn min ikun  ikkommetta reat  u jinstab hati tieghu , jista' jipparkja bl-iskop li jevita il-konsegwenzi tal-att illegali tieghu  u  ma jidhirx opportun , li ,wara disa' snin , din il-Qorti tibqa' tistennna aktar biex dan il-kaz jigi deciz fuq il-merti tieghu , specjalment meta skond l-art. 17 (7) tal-Kap10 , kif kien qabel ma gie revokat bl-Att I tal-1992 , izda li baqa' in vigore ghall-proceduri mibdija , suppost li l-appell minn dikjarazzjoni ta' htija taht l-artikolu 17 gie appuntat bl-urgenza. Ghalhekk fis-seduta tat-28 ta' Frar , 2002, ghaddiet biex tisma it-trattazzjoni tal-appell u halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum , bil-fakolta' lill-Prosekuzzjoni u d-difiza li jaghmlu noti ta' riferenzi dwar id-dispozizzjonijiet transitorji  tal-ligijiet li hadu post dawk  vigenti meta gie kommess l-allegat  reat u dwar il-ligi fiz-zmien tal-allegat reat .

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur li issottmetta  li ir-reat ma baqax jezisti  u ghalhekk ma ghadux persegwiubbli u mhux punibbli , ghalkemm  lealment stqarr li dwar il-fatti tal-kaz per se ma kienx hemm x'wiehed jghid .   L-abbli Prosekutur ghamlet riferenza ghad-dispozizjonijiet transitorji kontenuti fl-Att I

tal-1992 . Rat in-noti rispettivi tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza ipprezentati fl-4 ta' Marzu, 2002.

Ikkunsidrat ,

Illi mhux kontestat li l-appellant ghamel xogholijiet ta' kostruzzjoni fir-raba ta' Habel Bellu, iz-Zebbug, Malta kif jidher fir-ritratti esebiti u dana minghajr ma ottjena il-permessi mehtiega taht il-ligi kif kienet dak iz-zmien.

Illi l-Att I tal-1992 , illum Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta kien irrevoka l-Artikoli citati mill-ewwel Qorti u li tahtom instabet htija u senjatament l-art. 16 u 17 tal-Ligijiet tal-Kodici tal-Pulizija (Kap. 10), pero' skond l-artikolu 63 (2) (i sa iii) tal-istess Att saret "saving clause" ghall-proceduri pendenti quddiem il-Qrati . Di fatti ghalkemm l-Art. 63 (1) (2) (a) ihassar it-Taqsima I tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, li tahtha kienu jaqghu id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 16 u 17 tal-istess Kodici qabel mat-taqsima I giet hekk imhassra ,il-proviso tal-istess subinciz jghid testwalment :-

> "Izda -
> (i) kull haga maghmula jew li ma saritx tahthom skond il-ligi ghandha , sa fejn ma tkunx f'konflitt mad-dispoizzjonijiet ta' dan l-Att , ma tigix milquta ;
>
> (ii) kull reat maghmul kontra xi wahda mid-dispozizzjonijiet mhassara b'dan l-artikolu ghandu jibqa' reat kontra dawk id-dispozizzjonijiet u jistghu jimbdew jew jitkomplew procedimenti dwaru bhal li kieku dawk id-dispozizzjonijiet kienu ghadhom fis-sehh bla hsara ghall-applikazzjoni , dwar kull att jew ommissjoni li tikkostitwixxi dak ir-reat tad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 51 ta' dan l-Att,

Ikkunsidrat li allura dan il-procediment irid jitkompla u jigi deciz skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija dak iz-zmien applikabbli ghal kaz u li fuqhom sabet il-htija l-ewwel Qorti .

L-artikolu 16 tal-Kap.10 citat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata jippreskrivi il-htiega tal-permess mill-Ministru responsabbli ghax-xogholijiet biex persuna "ittella xi bini jew tkabbar l-gholi ta' jew xort' ohra timmodifika xi bini ezistenti , jew tiddel l-uzu ta' xi art jew bini f'xi parti ta' dik l-area " tal-pjan regolatur . Dan l-appellant ma ghamlux. Umbaghad l-art. 17 (2) u (3) jippreskrivu li kull minn imur kontra id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-art. 16, jehel meta jinstab hati multa ta' mhux inqas minn hamsin lira Maltin (LM50) u mhux izjed minn elf lira Maltin (LM1000) u l-Qorti, minbarra li taghti l-piena, ghandha tordna lil hati biex inehhi il-kawzi tar-reat u li jregga lura kull haga li tkun saret minghajr permess , skond il-kaz, fi zmien bizzejjed ghal dan l-iskop , izda f'ebda kaz izjed minn tlitt xhur mid-data tas-sentenza , kif jigi stabilit mill-Qorti u jekk il-hati jonqos milli jhares xi ordni bhal dak fiz-zmien hekk stabilit , jehel multa ta' mhux inqas minn hamsa u ghoxrin u mhux izjed minn elf lira Maltin ghal kull gurnata li in-nuqqas ikompoli wara li jiskadi iz-zmien .

Ghalhekk , jidher li l-aggravju tal-appellant hu manifestament infondat .

Ghal dawn il-motivi , tichad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata , b'dana li it-terminu tat-tlitt xhur impost mill-ewwel Qortu ghat-twaqqiegh tal-bini li sar kontra il-ligi u bla permess , jibda jghaddi mill-lum , u stante li l-appellant , b'dan l-Appell , gja ottjena proroga ta' disa snin , tordna minn issa li dan it-terminu ma jkunx prorogabbli ghal ebda raguni .

J. Galea Debono , 3.02.